MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2005

Numru. 921/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**
**VS**

**JOSEPH FARRUGIA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat JOSEPH FARRUGIA gie mressaq quddiemha u akkuzat talli matul ix-xahar ta' Novembru, 2004, mit-Triq Fortunato Mizzi, Rabat, Ghawdex, ghamel attivita` kummercjali li tirrigwarda bejgh ta' vetturi minghajr licenzja mill-awtorita` regolatorja, taqsima Licenzja tal-Kummerc.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni. Illi nhar it-22 ta' Frar, 2005 xehed il-kwerelant Carmel Galea u spjega illi hdejn il-Funtana tar-Rabat, Ghawdex, huwa ra

karozza tal-ghamla Punto, kulur safranija, b’zewg tabelli fuqha bil-kelma bargain u numru 99467855. Mistoqsi jekk kienx jaf lil min tghajjat din il-vettura fil-gurnata meta huwa ra din il-karozza, ix-xhud wiegeb fin-negattiv ghalkemm stqarr li jaf li nbieghhet mill-imputat. Huwa esebixxa zewg ritratti biex jikkonferma dak li effettivament kien ra nhar id-dsatax ta’ Novembru, 2004.

Saviour Farrugia, rappresentant tal-Licenzji tal-vetturi xehed fl-istess seduta tat-22 ta’ Frar, 2005 u stqarr illi l-vettura tal-ghamla Fiat Punto bin-numru ta’ registrazzjoni DAC 024 fis-sbatax ta’ Novembru, 2004 kienet tghajjat lill-imputat Joseph Farrugia tal-karta tal-identita` numru 255773M u li fis-sbatax ta’ Dicembru, 2004 din il-vettura daret ghal fuq Anthony Bajada.

PC 1005 xehed u spjega illi din l-istess vettura qabel kienet tghajjat lil certu Tracy Portelli u meta huwa mar ifittex lil din Tracy Portelli, rrizultalu li din kienet telqet minn Ghawdex u siefret ghal kollox u ghalhekk kien kellem, flimkien ma PS 1346 lill-missierha Michael Portelli. L-istess xhud jispjega illi Michael Portelli qallu illi bintu Tracy riedet issiefer, kellha bzonn il-flus u ghalhekk bieghhet il-vettura taghha lil Joseph Farrugia, ghalkemm ma kienx jaf esattament meta sar dan il-bejgh.

Michael Portelli xehed u ikkonferma illi bintu Tracy li ghandha 25 sena telqet minn Ghawdex b’mod permanenti. Mistoqsi kemm bieghhet il-karozza, qal li ma jiftakarx, u lanqas ma jiftakar meta effettivament sar il-bejgh.

Fis-seduta tas-sbatax ta’ Marzu, 2005, xehed PS 1346 u kkonferma li fid-dsatax ta’ Novembru, 2004 mar l-ghassa Carmel Galea li rrapportalu li fit-Triq Fortunato Mizzi, huwa kien ra vettura tal-ghamla Fiat Punto b’zewg tabelli fuqha bil-kelma “bargain 99467855”. Qallu li huwa kellu suspett li din il-vettura kellu x’jaqsam maghha l-imputat li m’ghandux licenzja sabiex jinnegozja fil-vetturi. Galea spjegalu illi jumejn qabel in-neputija tieghu Leanne, kienet cemplet dan in-numru u rrisponda vuci maskili u qallha li huwa ried elfejn lira Maltin tal-vettura, meta hija staqasiet

kemm ried tal-vettura. Fil-presenza ta’ Galea, huwa cempel lil Leanne li kkonfermatlu dak li kien qallu Galea salv li qaltlu illi hija kienet giet mgharrfa li l-valur kien ta’ elfejn u mitejn lira Maltin (Lm2,200).

Mir-ricerka li hu ghamel fid-database taghhom, irrizultalhom illi l-vettura kienet ta’ certu Tracy Portelli ta’ Triq Gunju, Nadur u meta huwa ittanta jaghmel kuntatt maghha, gie mgharraf minn Michael Portelli li Tracy kienet bintu li kienet siefret u li kienet bieghhet il-vettura taghha xi hames gimghat qabel lil dak tal-Magazine Store ghall-prezz ta’ elf u hames mitt lita Maltin (Lm1,500).

Huwa ghalhekk fehem illi kienet bieghhetha lill-imputat odjern u ghalhekk bghat ghalih. Fit-tlieta u ghoxrin ta’ Novembru, 2004, l-imputat mar ikellmu l-ghassa u ghaddielu kopja tal-logbook tal-vettura in kwistjoni datata sbatax ta’ Novembru, 2004 (il-Qorti tinnota li d-data kienet dik ta’ hamest ijiem qabel ma l-imputat gie mitlub li jmur l-ghassa) li tindika li l-vettura in kwistjoni kient tghajjat lilu. L-istess ufficjal tal-Pulizija esebixxa kopja tal-okkorrenza relattiva ghar-rapport mehud minnu.

L-imputat ma xhedx f’dawn il-proceduri u d-difiza rrimettiet ruhha ghall-atti processwali.

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi prodotti l-Qorti tiddikjara illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova illi l-imputat kien involut f’xi attivita` kummercjali rigward bejgh ta’ vetturi, lanqas remotament. Li jirrizulta mill-atti huwa li l-imputat xtara vettura b’mod regolari u ghamel it-transfer relattiv ghal fuqu kif titlob il-Ligi.

Konsegwentement ghalhekk il-Qorti tiddikjara li ma ssibx lill-imputat hati tal-akkuza kif addebitata fil-konfront tieghu u tilliberah minnha.

Il-Qorti tinnota illi l-Prosekuzzjoni qieghda b’mod ripetut tipprezenta kawzi tal-istess generu kontra l-istess imputat fuq kwerela tal-istess parte civile minghajr ma taghmel

investigazzjoni sewwa u cioe` tara jekk l-elementi tal-akkuza jirrizultawx almenu sal-prima facie, kif del resto huwa obbligu tal-Prosekuzzjoni li taghmel qabel ma tippresenta l-kawza u ghalhekk tordna li din is-sentenza tigi notifikata lill-Assistent Kummissarju tal-Pulizija ghall-kull interess li jista' jkollu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------